Minuti tal-laqgħa numru tlieta u ħamsin (53) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 28 ta' Settembru, 2022 fis-6.00pm fi 34 Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Alexander k/a Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sa Janice Busuttil | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

53.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Talba

Il-membri kollha qalu t-talba flimkien. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija għaliex kien preżenti kulħadd. Pero' għall-bidu tal-laqgħa kien hemm is-Sa Doris Coleiro nieqsa u s-Sur Kris Grech ukoll li informa lis-SE li ġej tard.

53.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru tnejn u ħamsin (52)** — Minuti

Il-minuti tal-laqgħa tnejn u ħamsin (52) kienu imqassma mal-agenda lill-kunsillieri u dawk kienu approvati unanimament wara li tressqu għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kienu issekondati mis-Sur Matthew Chetcuti.

**Punti mill-Minuti:**

a — Misraħ is-Saqqajja

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi hemm problema bil-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar għal Misraħ is-Saqqajja. Hu qal illi hemm xi klarifiċi li jridu jsiru kemm minħabba r-rampi u l-bankini u l-CRPD
.

b — Ġnien Bir Iljun

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi il-proġett ta' Ġnien Bir Iljun għadu fil-fażi tax-xogħol tiegħu u issa jonqos li tibda tingħorik iċ-ċangatura taż-żonqor, jitwaħħal il-fence tal-ħadid wara li ġie midjur mil-ħaddiema tax-Xogħlijiet Pubbliċi u kif isir il-bieb fil-latrina jista' jitpoġġa id-DVR tas-CCTV, jitwaħħlu l-cameras u l-apparat tal-bandli u tal-gym. (ara 53.11). Is-Sur Christopher Farrugia talab sabiex ikun hemm programm ta' manutenzjoni biex meta jibda' jopera l-ġnien ma jerġax jispiċċa f'telqa kif ġara għal dawn l-aħħar kważi tletin sena u kull darba wieħed ikun irid jerġa' jibda mil-bidu.

c — Clean Up

Is-Sindku faħħar l-impenn organizzattiv għall-Clean Up li kienet organizzata fil-Baħrija nhar il-Ħadd, 18 ta' Settembru 2022. Hu rringrazzja b'mod speċjali lil dawk il-kunsillieri li meddew idejhom u lill-parteċipanti kollha.

d — Jum ir-Rabat

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' is-serata ta' Jum ir-Rabat tat-2 ta' Settembru, 2022. Hu qal illi l-programm kien imqassam tajjeb ħafna minkejja li ħa ftit tul. Is-Sur Rudolph Grima qal illi din is-sena kien itwal il-programm għaliex tajna unur lil dawk li kien ħaqqhom fl-2020, 2021 u l-2022.

e — Refurbishment fil-Muniċipju

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar ix-xogħlijiet fil-Muniċipju ta' 8, Triq l-Isptar. Hu qal illi l-kuntrattur kompla u qed iriffed (propping) kemm ix-xorok kif ukoll it-travi fil-kmamar kollha qabel ma jibda x-xogħol ta' twaqqiegħ. Is-SE spjega illi ċertu twaqqiegħ bħal bejt, hemm bżonn attenzjoni għaliex il-balavostra tkun qed iżżomm il-faxxa bħala kontra piż. Kif titneħħa l-balavostra, taqa' l-faxxa għat-triq.

Intant il-bitħa ingħatat saff konkos biex ma jidħolx ilma għand il-ġirien u il-gallarija l-kbira li kien baqa' twaqqgħet minn kuntrattur ieħor. Kif Cieffe Ltd ra li konna se nipproċedu b'xi ħaddieħor, hu kompla ix-xogħol minkejja li kien waqaf biex jitlob kumpens tal-għoli tal-prezzijiet minħabba ir-raġunijiet li kien ta: gwerra tal-Russja u l-Ukranja u t-trasport.

53.03 Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 339 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 58 — Skeda tal-Pagamenti

Iċ-ċedola tal-pagamenti u dik tal-ordni tax-xogħlijiet kienu approvati unanimament u ffirmati.

52.12 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

52.12.01 Is-Sur Norbert Grech staqsa jekk hux possibbli li jsir ftit patching fuq ħofra li hemm fi Triq il-Fiddien. — Patching fil-Fiddien

52.12.02 Is-Sur Norbert Grech staqsa jekk hux possibbli li jitranġa ħajt imġarraf li qed iżomm it-triq fid-Dwejra. Dan ġarrab xi ħsarat fix-xita li għamlet il-ġimgħa li għaddiet. — Ħajt fid-Dwejra

* Daħlet fil-laqgħa is-Sa Doris Coleiro fis-6:30pm

52.12.03 Is-Sur Nazju Cassar fakkar ukoll fi Triq it-Torri l-Aħmar fuq Għeriexem fejn qal illi din ukoll għadha tinqasam u kulħadd iraqqa' fiha. — Qsim fi Triq it-Torri l-Aħmar

* Daħal fil-laqgħa is-Sur Kris Grech

52.12.04 Is-Sur Kris Grech talab sabiex titranġa tiġrifa oħra ta' ħajt fi Ġnien is-Sultan li wkoll ġrat dawn l-aħħar jiem. — Ħajt fi Ġnien is-Sultan

52.12.05 Is-Sa Janice Busuttil talbet lill-KLR sabiex tingħata t-tarmac it-triq tal-Ħamri fil-parti li nqabżet minn Infrastruttura Malta. Is-Sur Sandro Craus qal illi hemm deadline ta' TM biex ngħaddulhom it-toroq kollha rurali permezz ta' google sheets li għadhom ma ingħatawx il-qatran fir-Rabat. Din se tkun waħda minnhom. — TM – Google Sheets; toroq rurali li għadhom ma sarux

52.12.06 Is-Sur Christopher Farrugia qal illi hemm bżonn ukoll li titranġa it-triq fejn ir-Rabat Reservoirs li tidħol għalihom minn Triq Ħad-Dingli ftit 'l hinn minn tat-Torri. (Timmy) — TM – Google Sheets; toroq rurali li għadhom ma sarux

52.12.07 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' wkoll Triq is-Sienja ftit 'il bogħod minn hawnhekk u qal illi din minkejja li trid lant, jidher li hemm xi problema mal-KSI. — TM – Google Sheets; toroq rurali li għadhom ma sarux

52.12.08 Is-Sur Matthew Chetcuti semma' wkoll Triq Ħad-Dingli l-Qadima. Hu qal illi kien hemm xi tħaffir fiha u l-bdiewa batew ferm biex jidħlu fl-għelieqi tagħhom. (Moddy) — TM – Google Sheets; toroq rurali li għadhom ma sarux

52.12.09 Is-Sa Janice Dingli talbet li wkoll tingħata l-qatran fis-Simblija fejn għad m'hemmx. Is-Sur Rudolph Grima talab li jingħata t-tarmak ukoll f'Wied Ħażrun. — Triq tas-Simblija

52.12.10 Is-Sur Norbert Grech irrapporta ħsarat fuq sprall fi Triq il-Kunċizzjoni. Hawn is-Sur Kris Grech qal illi dan jidher li jwassal l-ilma tat-triq mit-triq — Sprall fil-Kunċizzjoni

lejn l-għelieqi. Skont is-Sur Norbert Grech, dan l-isprall ingħatalu l-qatran fuqu u ma jistax jitnaddaf.

52.12.11 Is-Sa Janice Busuttil tkellmet fuq ir-Rabat Fashion Festival. Hija qalet li qed taħdem fuq dan l-avveniment li għalih se jkun hawn fostna saħansitra mudelli li ġejjin minn barra minn xtutna. Għaldaqstant se nkunu qed nitolbu stima għal diversi affarijiet bħad-dwal, is-sound u props. Hija talbet sabiex naraw jekk hux se jaċċetta sid ta' kabbana tal-ikel li se jkun mitlub jarma b'mod esklussiv għal din l-attività. Rabat Fashio Show

52.13 **Ir-ri-introduzzjoni tal-Bring in Sites fir-Rabat – proposti ta' 4 siti u waħda minnhom doppja; mill-ERA f'Misraħ Forok, Parkeġġ quddiem is-Serkin, Ta' Landrijiet, Kan G Gatt Said, Raddet ir-Roti, Għajn Qajjet u Għar Barka** Bring In Sites

Dwar ir-ri-introduzzjoni tal-Bring-in-Sites fir-Rabat, is-Sindku, is-SurSandro Craus stieden lill-kunsillieri jkunu parteċipi fil-laqgħa li għandna mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Mario Fava, nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022 fis-13:00pm.

52.14 **Ittra ta' direzzjoni (Management Letter) ye 2021 –** Risposta għall-management letter

Is-SE qiegħed jirrispondiha u se tkun disponibbli dalwaqt.

53.04 **Skema Lokali – SPI/SCI/9/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitatjiet isbaħ u aktar b'saħħithom (deadline 14.10.22)** Skema Proġetti Kapitali

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel unanimament illi se jissottometti din l-applikazzjoni billi japplika għas-sit tal-Muniċipju fi 8, Triq l-Isptar. Dan hu proġett li minnu se jgawdu primarjament l-istess residenti li jiġu ta' kuljum jinqdew mil-Kunsill, l-għaqdiet tar-Rabat li magħhom niltaqgħu ta' spiss, kuntratturi u fuq kollox il-pubbliku kollu in ġenerali.

53.05 **Talba għal kumpens minn vettura li ġralha l-ħsara fi Vjal il-Ħaddiem** Talba għal kumpens

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ikkunsidra it-talba tas-Sinjura li ġarrbet ħsarat meta l-vettura tagħha waqgħet fi grada tal-ilma li kellha ħsarat 'il fuq min-Nigret Night Club fi Vjal il-Ħaddiem. Peress li din it-triq kienet saret mil-Gvern Ċentrali u x-xogħol kien difettuż, ma jħossx li għandu jitgħabba bit-talba tal-kumpens fuq xogħol li kien sar ħażin.

53.06 **Mdina Grand Prix – Triq Gorg Borg Olivier (one way)** Mdina Grand Prix

Il-Kunsill kien infurmat illi wara laqgħat li saru fil-Muniċipju tal-Imdina, u wkoll wara press release li ħarġu l-Kunsilli Lokali imsemmija flimkien ma dak tal-Imtarfa, l-Imdina Grand Prix din is-sena tħassret. Il-proposta ta' one way fi Triq Gorg Borg Olivier kienet ġejja min-naħa ta' Trasport Malta li huma parteċipi mal-organizzaturi.

53.07 **Riforma fil-Kunsilli Lokali/Reġjonali** Riforma tal-Kunsilli Lokali

Is-SE ta kopja tad-dokument tar-Riforma lill-kunsillieri preżenti.

53.08 **Biex jinqatgħu minn fuq il-kotba dawn l-assi: grass cutter (EFCO) u PABX (Alcatel-Lucent)**

Kien hemm qbil unanimu illi dawn jinqatgħu mil-kotba tal-Kunsill peress li l-Grass Cutter ma jissewwiex (skont Zebbug EFCO supplier) u l-PABX saħnet fil-kaxxa u nħarqet.

53.09 **Tiġdid tal-Vacation Leave tal-Impjegati mill-2022 għall-2023** Tiġdid tal-Vacation Leave

It-talba tat-tiġdid tal-Vacation Leave ta' Shirley Bonanno mill-2022 għall-2023 kienet milqugħa.

53.10 **Talba biex il-KLR ikun firmatarju fuq applikazzjoni tal-PA għar-restawr tal-Kappella tal-Kunċizzjoni** Restawr tal-Kunċizzjoni

Din il-proposta kienet tas-Sur Rudolph Grima u kienet issekondata mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus. Il-KLR kien avviċinat minn persuna li kellha laqgħa mas-Sindku, is-Sur Sandro Craus, is-SE u s-Sur Rudolph Grima biex tkun iffirmata applikazzjoni tad-Development Fund tal-Awtorità tal-Ippjanar biex isir ir-restawr tal-Knisja tal-Kuncizzjoni. Wara li l-kunsillieri evalwaw il-proposta kien deċiż illi nkunu imsieħba u parteċipi u l-applikazzjoni tiġi ffirmata mis-SE bil-kundizzjoni illi jkun hemm rappreżentant tal-Kunsill fuq l-evalwazzjoni tal-offerta pubblika u nimmoniterjaw kull żvilupp amministrattiv u tekniku filwaqt li nkunu ko-parteċipi. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu iridu jkunu maqbula fil-Kunsill Lokali tar-Rabat.

53.11 **Rapport ta' Evalwazzjoni ta' Offerta ta' Gym Equipment għal Ġnien Bir Iljun** — Gym Equipment

Il-Kunsill ra ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-gym equipment u kkunsidrah. Kien deċiż illi l-kuntratt jingħata lill-orħos offerent li kien compliant, jiġifieri Gokker Ltd.

53.12 **Rapport ta' Evalwazzjoni ta' Offerta ta' General Hand** — General Hand

Ir-rapport għadu ma ingħatax miċ-Ċermen tal-bord ta' evalwazzjoni u ma setax ikun diskuss.

53.13 **AKL – Għażla ta' tema Rabtija għall-okkażjoni tat-30 anniversarju ta' Gvern Lokali** — 30 sena Gvern Lokali

Is-SE qassam dokument li għaddewlna fl-okkażjoni tat-30 anniversarju ta' Gvern Lokali lill-kunsillieri kollha. It-tema se tkun diskussa aktar 'l quddiem.

53.14 **Skema LESA – Proġetti fil-komunitajiet (applikazzjon)** — Applikazzjoni tal-LESA

Is-Sindku qal illi għandu d-dubju tiegħu kemm nistgħu napplikaw peress li l-applikazzjoni preċedenti, jiġifieri dik li konna se ninstallaw bring-in-site taħt l-art kellha titwaqqa u ma kienx attwata. Se nivverifikaw dwar dan.

53.15 **Biex il-permess 21 ta' bankarella tal-monti tar-Rabat jinqaleb minn fuq ir-raġel għal fuq il-mara** — Posta 21

Il-Kunsill ikkunsidra din it-talba u ma kellu l-ebdà oġġezzjoni biex posta 21 tinqaleb minn fuq Michael Cachia għal fuq Rita Cachia.

53.16 **Punti Oħra**

53.16.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u l-kunsillier is-Sur Rudolph Grech, attendew laqgħa mal-Arċipriet, il-Kan Dun Joe Mizzi u dan xtaq illi l-attività tal-Milied tat-tfal li normalment jorganizza l-Kunsill bit-trackless train issir dak in-nhar tan-Novena fil-ġurnata dedikata għat-tfal, jiġifieri nhar it-22 ta' Diċembru 2022. — Attivitajiet tal-Milied

53.16.02 Issemmiet il-problema tal-ħmieġ tal-ħamiem mis-Sur Nazju Cassar fejn qal illi dan irid jinqered. Is-SE qal illi ma tistax taqbad u tispara lill-ħamiem u bħalissa is-Sur Arnold >>> qed jagħlef il-ħamiem bl-għalf li jnaqqas il-fertilità b'tank apposta li ntrama fuq il-bejt tal-Kunsill fi 8, Triq l-Isptar. — Ħmieġ tal-ħamiem

53.16.03 Is-Sur Nazju Cassar tkellem dwar il-qtugħ tal-ħaxix selvaġġ fl-inħawi rurali tar-Rabat. Hu qal illi l-kuntrattur preżenti mhux ilaħħaq max-xogħol peress li l-inħawi huma kbar ħafna u hemm volumi kbar ta' materjal x'jitneħħa. Qed jitkejlu it-toroq kollha li fihom jitla' dan il-ħaxix biex toħroġ tender ġdida. — Qtugħ tal-ħaxix fiz-zona rurali

53.16.04 Is-SE tkellem dwar mandat li rċieva l-Kunsill biex iwaqqfuna mill-applikazzjoni li hemm pendenti quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar biex ikun żviluppat il-ġnien ta' quddiem il-Knisja tal-Baħrija. Dan se jirrispondih l-Avukat Richard Sladden. — Mandat – Ġnien tal-Baħrija

53.16.05 Is-Sa Doris Coleiro tkellmet ukoll fuq it-taħrika li għandha minħabba l-eks contract manager tal-Kunsill Lokali. Għal dan il-kliem kien hemm ukoll xi kunsillieri oħra li huma imħarrka fosthom anke eks-kunsillier. — Taħrika – eks Contract Manager

53.16.06 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar l-istat tal-ġardinaġġ fir-Rabat u qal illi hu mhux kuntent bih. Hu semma' siti bħal Għeriexem u Għajn Qajjet filwaqt li qablu miegħu is-Sur Christopher Farrugia li semma tal-Virtù kif ukoll Nazju Cassar li semma' wkoll Triq il-Buskett. — Ġardinaġġ fir-Rabat

53.16.07 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar l-attivita' tal-inawgurazzjoni tal-ktieb, Rabat Sacrum li se ssir nhar l-14 ta' Ottubru 2022 Hu qal illi irridu niddeċiedu kemm ġej jiswa' l-ktieb filwaqt li SE qal li dan ġie jiswa' Eur40 u l-kunsillieri ingħataw kopja mingħajr ħlas. Hu issuġġerixxa li dan jinbiegħ Eur45 u qal illi diġa' ingħataw wieħed lil min se jagħmel review tal-ktieb, is-Sur Mario Gauci, lill-Isqof ta' Malta li s-serata se ssir taħt il-patroċinju tiegħu u ta lis-Sindku ktieb ta' meta ġie l-Papa f'Malta. Is-Sindku qal illi jonqosna illi insibu pjanist u kienet suġġerita is-Sa Charlene Portelli. — Rabat Sacrum

53.16.08 Għall-attività tal-Wirja tal-Pittura li se ssir mil-Kunsill Lokali tar-Rabat bil-kollaborazzjoni tas-Sur Matthew Cassar, kollox hemm imħejji għal nhar is-Sibt, 1 ta' Ottubru 2022. Din se ssir bħas-soltu fil-Mużew ta' Wignacourt. — Wirja tal-Pittura

53.16.09 Is-Sur Nazju Cassar informa lill-kunsillieri illi ingħata ċitazzjoni għaliex kien qed isuq bil-mobile f'idu minħabba li wieġeb lil persuna waqt li kien qed jagħmel xogħol ta' contract management fuq il-qtugħ tal-ħaxix fit-toroq rurali. Il-kunsillieri qablu li din għandha titħallas mil-Kunsill Lokali tar-Rabat. — Ċitazzjoni

53.16.10 Is-Sur Rudolph Grima talab lill-KLR sabiex isir il-wording bl-iswed fuq il-plakka u l-monument tar-Rabat fil-Pjazza tal-Parroċċa. — Plakek fir-Rabat

53.16.11 Is-Sur Rudolph Grima qal illi wara li issa għaddew aktar minn sitt xhur u mozzjoni tista' terġa' titressaq mil-ġdid, hu jipproponi illi titqabbad il-Perita Elena Borg Costanzi biex isir l-iskedar ta' Sqaq Cosmana Navarra, Sqaq San Franġisk u Triq Cosmana Navarra, inkluż il-foss ta' San Pawl. Ma kienx hemm oġġezzjoni, pero' se ninfurmaw lil Perit Claude Borg li kien imqabbad mil-Perit Charles Buhagiar sabiex iwaqqaf ix-xogħlijiet li kien diġa' beda u li s'issa għadu ma wettaqx. — Skedar tal-inħawi tal-foss ta' San Pawl

53.16.12 Is-Sur Chris Farrugia talab illi jitfasslu għall-ewwel darba parkeġġi tal-karozzi fi Triq San Tumas għaliex bħal issa qed jipparkja kulħadd bl-addoċċ wara li kienet mogħtija t-tarmak mil-Gvern Ċentrali. — Parkeġġi ġodda fi Triq San Tumas

53.16.13 Is-Sur Chris Farrugia talab illi biex tiġi rranġata r-rampa tal-Virtù fejn Villa Messina qabel ma tasal sa fejn hemm il-bankijiet fi Triq il-Buskett. — Rampa fi Triq il-Buskett

53.16.14 Is-Sur Norbert Grech talab sabiex jitnaddfu t-tabelli li juru li s-silencer għandu jkun ipparkjat fuq in-naħa tat-triq tal-appartamenti ta' Block B. — Tindif ta' tabelli

53.16.15 Is-Sur Nazju Cassar talab illi jitranġa l-isprall fi Pjazza San Duminku għaliex qed iħabbat u ieħor fi Triq San Mikiel. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus — Spralli mgħawwġin

semma wkoll illi bil-vetturi goffi qed jitgħawwġu diversi spralli fosthom dak fi Triq il-Kbira quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill li kien issewwa

53.16.16 Kien hemm talba sabiex Triq Bir iljun fejn Gejtu *issir one way except for residents to submit* . Se ssir it-talba lil Transport Malta. One way except for residents

53.16.17 Kien hemm talba sabiex il-parking bay ta' 73, Triq il-Kulleġġ, issir parking space tal-muturi. Se ssir it-talba lil Transport Malta mil-KLR 73, Triq il-Kulleġġ – parkeġġ għall-muturi.

53.17 **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** Aġġornament u laqgħa li jmiss
Din il-laqgħa ġiet fi tmiemha fid-9:00 u dik li jmiss se tinżamm nhar it-18 ta' Ottubru, 2022 fis-6:00pm

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 18.10.22 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku